**KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA**
**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**
**TEL: 2168 0622**
**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**
**WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt**

Minuti tal-laqgħa numru tlieta u sittin (63) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 26 ta' Lulju, 2016, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill fis-6:15pm.

| | | |
|---|---|---|
| PREZENTI: | Dr Charlene Zammit | Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Deputat Sindku |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anita Farrugia | Kunsillier |
| | Nikolai Farrugia | Ambaxxatur |
| | Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv (SE) |
| SKUZAT: | Michel Farrugia | Kunsillier |

1. Il-laqgħa saret l-għada mill-ġurnata miftehma bi qbil mal-Kunsillieri l-ġimgħa li għaddiet permezz ta' skambju ta' *e-mails* li saru.

2. Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku li qalet it-talba.

3. Kienu moqrija l-minuti tas-seduta preċedenti mis-SE punt punt u saritilhom il-korrezzjoni li dehru li hemm bżonn li ssir il-kunsillieri. Dawn ġew approvati unanimament u ffirmati.

4. Paul Spiteri talab spjega għal marki li saru mal-ħitan tas-sejjiegħ fi Triq Ħal Kirkop. Hu insista illi jekk se jsiru ix-xogħlijiet tad-drenaġġ, kif kien infurmat mis-Sindku li se jsiru, dawn ma jsirux qabel ma tgħaddi l-festa ta' Santa Marija, biex ma jkunx hemm problemi bl-immaniġġjar tat-traffiku. Is-Sindku kkonfermat li mhux se jsiru qabel il-festa.

5. Dwar il-bejjiegħ tal-qubbajd li ssoltu jarma fuq id-*disabled parking bay* fil-Pjazza tal-Knisja, il-kunsillieri qablu illi dan issa jarma fuq iz-*zebra crossing* ħalli l-ispazju li jħalli jimtela' bl-imwejjed u s-siġġijiet ta' sid il-ħanut *Pineapple*. Dan se jitħalla jarma fuq iz-*zebra crossing* kif deċiż fil-laqgħa preċedenti għax il-Pjazza tal-Knisja tkun magħluqa għall-karozzi f'dak il-ħin.

6. Dwar l-eżerċizzju li kien mitlub jagħmel is-SE mal-Kreditur tal-KLM, il-Perit Anthony Bezzina, Grace Marie Mallia talbet sabiex il-KLM ikollu l-*invoices* kollha tax-xogħlijiet u mhux nibqgħu nittrattaw ir-*Request for Payments* bħala tali.

7. Grace Marie Mallia qalet illi l-PABX issa qed taħdem tajjeb pero' meta tkun qed tittrasferixxi telefonata qed taqa' l-linja.

8. It-Triq tas-Sejba sarilha it-tindif, pero' Charlene Zammit innutat illi minkejja li l-kuntrattur kien qalilha li se joħdilna €200, kif tlesta x-xogħol hu ġab kont li jaqbeż l-€400. Is-Sindku qalet illi l-kuntrattur qalilha li l-ispiża telgħet għax tnaddfu wkoll partijiet minn Triq is-Siġġiewi. Is-Sindku qalet illi l-KLM hu sodisfatt bix-xogħol iżda fil-futur meta jkun hemm każijiet bħal dawn għandna niġu nfurmati qabel isir ix-xogħol.

9. Tnaddaf l-Isqaq ta' Ħal Millieri mill-ħaddiema tal-KLM.

10. Peress li l-proposta *sleeping policeman* fi Triq Ħal Kirkop ma kienetx approvata minn *Transport Malta*, se ninfurmaw lir-residenti bl-eżodu ta' dan kollu u se naraw jekk kienetx

approvata xi waħda oħra fl-istess triq.

11. Issemmiet id-*disabled parking bay* li hemm fil-Pjazza tal-Knisja viċin il-każin ta' Santa Marija u kienet proposta tabella li tikkumplimenta ir-*road marking bay.*

12. Kien diskuss is-*survey* propost fiċ-ċimiterju fi Triq Ħal Kirkop biex immexxu l-proposta ta' applikazzjoni mal-PA u ndaħħlu l-elettriku fil-kappella ħalli jkunu nstallati is-CCTV cameras.

13. Se jsir tentattiv ieħor biex inressqu r-reċipjent tal-iskart aktar mal-ħajt fi Triq il-Qrendi billi jimtela taħtu fejn hemm il-ħamrija bil-konkos filwaqt li se nkomplu ninsistu sabiex il-venda li issa tinsab fi Triq Karmenu Ciantar tiġi spustjata għal Triq il-Qrendi. Infatti is-Sindku qalet illi se ssir laqgħa mas-Sur Kevin Zahra li matulha se tkun diskussa din il-proposta. Grace Marie Mallia qalet illi tajjeb li ninfurmawhom li m'aħniex kuntenti illi tal-linja qed jitilqu kull nofs siegħa u mhux kif miftiehem magħna, kull għoxrin minuta.

14. Charlene Zammit qalet li għadha ma rnexxiliex tagħmel kuntatt mas-Sur Macathy ta' *Projects Malta* peress li dan kien imsiefer. Min-naħa tagħna xtaqna illi nitkellmu dwar il-proġett taċ-Ċentru Ċiviku propost fuq il-ġibjun il-miftuħ.

15. Peress li s-Sindku ma kienetx tiflaħ biex tmur għal-laqgħa proposta mid-Direttur Gvern Lokali, din kellha tiġi posposta. Issa qed nistennew sabiex id-direttur jagħtina appuntament ieħor fejn fih se niddiskutu dwar kif se nnaqsu id-*deficit.*

16. Charlene Zammit qalet li kelmita sinjura li toqgħod fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija dwar is-siġar tal-*Oleander* li qed iwaqqgħu ħafna weraq u fjuri fit-triq. Hija talbet lis-SE sabiex naraw jekk hux possibbli li dawn ikunu mibdula.

17. Għal preżentazzjoni tal-AED lil Każin tal-Futbol, is-Sindku qalet li din saret xorta waħda minkejja li kellu jikkanċella l-president tar-reġjun, u dan ma kienx preżenti. Intant din l-AED issa ser titpoġġa f'post sigur u se tkun aċċessibbli għal kulħadd meta jkun miftuħ il-*ground* tal-futbol.

18. Il-Kunsill Lokali tal-Imqabba se jara x'jista' jagħmel sabiex ma jħallix il-bankina kif inhi li allegatament qed jiżolqu n-nies fuqha bejn Triq id-9 t'April u Triq Karmenu Ciantar viċin il-ħanut tal-frott. Se jmorru jaraw ix-xogħol il-ħaddiema tagħna. Se nibgħatuhom ukoll fi Triq il-Kileb fejn il-kunsillier Michel Farrugia isemmi li hemm oħra simili.

19. Kien irrappurtat illi daħlu b'vettura fuq tabella taz-*Zebra Crossing* fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti. Il-kunsillieri irrimarkaw li hekk kif lanqas ma raw tabella, jista' jkun bniedem qed jaqsam minn fuq l-istess *zebra crossing*. Madankollu is-Sindku qalet illi ċemplulha minn *Transport Malta* wara li hija kienet ġibdet l-attenzjoni tas-Sur Sandro Craus fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, u dawn qalulha illi l-*lights* il-ġodda se jsiru sal-aħħar ta' Awwissu.

**Komunikazzjoni mis-Sindku**

20. It-talba minn Ms Maria Spiteri għal Skola Sajf biex il-Kunsill Lokali tal-Imqabba jisponsorja ħarġa għat-tfal biex imorru jaraw l-Akwarjum, (€5 x 100 tifel/tifla) ma kienetx milqugħa kemm minħabba diffikultajiet finanzjarji li għandu l-KLM u għax il-KLM jippreferi jkunu promossi żjarat fir-raħal tagħna stess. Intant il-KLM jaqbel li jorganizza bi

qbil magħhom ħarġa biex ikunu promossi imkejjen storiċi fir-raħal tagħna stess biex fuq kollox jiġi mrawwem sens ċiviku u kulturali.

21. Is-Sindku semmiet il-*Funding* tal-Meusac dwar ġemellaġġ komunikat lilna permezz ta' *e-mail.* Hija qalet illi jidher li dawn għollew il-*budget* b'mod speċjali dwar in-*network* ta' bliet. Il-KLM jappoġġja proġetti li jlaqqgħu flimkien persuni ewropej u se nkellmu lil Meusac sad-29 ta' Lulju ħalli jispjegawlna kif jaħdmu dawn l-iskambji.

22. Charlene Zammit enfasiżżat biex il-kunsillieri jattendu għal-laqgħa tal-GAL Xlokk nhar l-1 ta' Awwissu fis-6.00pm.

23. Charlene Zammit semmiet il-parteċipazzjoni ta' Nikolai Farrugia, l-Ambaxxatur taż-żgħażagħ fil-*Malta International Arts Festival*. Hija qalet illi dan jagħmel unur lill-Imqabba u jixraq li nsemmuha fil-ħarġa li jmiss tal-fuljett. Hija talbet lil Nikolai Farrugia sabiex jerġa' jitwaqqaf il-Kunsill taż-Żgħażagħ bl-appoġġ tal-każini il-klabb tal-futbol u l-grupp taż-żagħżagħ tal-Parroċċa. Minn naħa tagħna se nagħmlu espressjoni ta' nteress mal-Aġenzija Żagħażagħ li għandna bżonn *youth worker.* Is-Sindku semmiet ukoll l-importanza illi f'Jum l-Imqabba ikun spjegat lir-rwol tal-Ambaxxatur taż-Żagħżagħ. Is-Sindku qalet illi irridu nagħmlu laqgħa mas-Surmast tal-iskola dwar Jum l-Imqabba. Fl-istess fuljett is-Sindku qalet illi rridu nieħdu fotokopji tan-nomini u l-kundizzjonijiet ta' Ġieħ l-Imqabba 2016.

24. Grace Marie Mallia semmiet il-ħofra fi Triq Valletta quddiem ir-residenza Teżawru, li issa tranġat mil-kuntrattur tal-Kunsill u l-problema li setgħet inħolqot meta intbagħtet *acknowledgement* riċentement lir-residenta, u l-importanza li nagħtu *feedback* fil-ħin u bħala eżempju issemmiet it-talba għal lampa ġdida fi Triq it-Troll.

25. Grace Marie Mallia ipproponiet ħarġa għal Għawdex skont il-kalendarju soċjali li kien approva l-KLM diversi xhur ilu, li fiha qed ikun propost mawra saċ-Ċittadella li għadu kemm ġie inawgurat ir-restawr tagħha, permezz tat-tren għal prezz addizzjonali ta' €2. Charlene Zammit semmiet ukoll il-probabilita' li l-grupp jinqasam u jmur għand Magro Brothers, produtturi tat-tadam/ġbejniet. Id-dati proposti huma is-6 jew 22 ta' Settembru u l-possibilita' illi tidher id-data fil-ħarġa tal-fuljett t'Awwissu. Intant il-prezzijiet se jkunu dawn: €17 l-anzjani, €22 l-adulti u €12 t-tfal.

26. Is-Sindku irrimarkat fuq il-figura ta' €58,771 f'punt 10 imdaħħla mill-*Accountant* fir-rapport tat-tieni kwart bħala *Other Expenditure.* Hija qalet illi tixtieq spjegazzjoni dwar l-*increase/decrease in allowance for bad debts* u fuq kollox tixtieq xi ħaġa fattwali u konkreta. Ir-rapport qed juri żbilanċ ta' €390 bejn id-dħul u l-infieq. Paul Spiteri talab li nkunu nafu x'fadal x'nagħtu lill-kredituri speċjalment lil dawk li kellhom jieħdu ammonti sostanzjali.

27. Charlene Zammit semmiet l-iskema tal-kunsilli lokali għall-persuni b'diżabilita'. Dwar dan se nindagaw ftit mal-ETC.

28. Il-KLM unanimament iddeċieda illi japplika għal massimu tal-iskema tal-librerija pubbliċi offruta mid-Dipartiment Gvern Lokali, biex ikunu investiti f'kotba u materjal awdjoviżiv li jkunu jaħsbu wkoll għal persuni li jbatu bl-awtiżmu. Hawn intqal illi tajjeb li fil-fuljett indaħħlu l-ħinijiet tal-ftuħ tal-librerija u ninfurmaw lil ko-ordinatur sabiex tibda talloka ftit ħin għat-tfal ta' Skola Sajf biex jisselfu l-kotba.

29. Kien hemm skambju ta' idejat dwar kif se tkun l-applikazzjonijiet tal-Iskema tar-Restawr ta'

postijiet storici offruta mid-Dipartiment Gvern Lokali. Issemmew l-Isptar il-Qadim (li dan hu devolut lilna u għalhekk kontra r-regolamenti tal-iskema), il-Ħajt tal-Matla, il-kappella taċ-Ċimiterju, u t-Torri tal-Wilġa. Paul Spiteri qal li hu mportanti li jitnaddaf l-iskart li hemm madwar il-Ħajt tal-Matla filwaqt li Grace Marie Mallia uriet il-preokkupazzjoni tagħha dwar it-Torri tal-Wilġa għaliex dan jinsab fl-għelieqi tan-nies. Charlene Zammit tkellmet fuq l-importanza illi jsiru anke ir-rampi għal aktar aċċessibilita' fiċ-ċimiterju u l-Kappella tan-Nazzarenu. Kien deċiż illi nkellmu lil Perit William Lewis sabiex naraw liema minn dawn kollha jidhirlu li għandna l-akbar ċans li nikkwalifikaw.

30. Il-KLM skuża lill-Anita Farrugia li telqet fid-20.50

31. Kien hemm diskussjoni dwar il-*bids* ta' Greenmt u Greenpak fil-kuntest tal-kuntratt tas-separazzjon tal-iskart li jinkludi l-ġbir ta' skart separat nhar ta' Tlieta u l-manutenzjoni tal-kontenituri tal-*bring in site*. Charlene Zammit qalet illi *Greenmt* wiegħdu li se jbattlu l-*bring in sites* darbtejn fil-ġimgħa minkejja li l-kunsillieri qablu li dawn iż-żewġ kuntratturi għandhom kollox l-istess. Kien għalhekk deċiż illi naraw jekk *Greenpak* humiex lesti li jbattlu u jagħmlu l-manutenzjoni tal-*bring-in-sites* darbtejn fil-ġimgħa u jekk fl-affermattiv inkunu qed neliminaw il-problema li aħna u Ħal Safi li l-iskart tagħna jinġabar fi trakk wieħed, jagħmel żewġ toroq lejn l-impjant ta' Sant Antnin, bil-ġabra tal-Imqabba għal *Greenmt* u bil-ġabra ta' Ħal Safi għal *Greenpak*. Charlene Zammit dwar il-kollettur tal-iskart ma pparteċipatx fid-diskussjoni għaliex iddikjarat interess.

32. Il-*Memorandum* offrut lilna mil-kumpanija li tħaddem lil ħaddiema Godfrey Baldacchino u George Farrugia, biex ikun iffirmat mil-KLM kien diskuss fl-intier tiegħu. Bażikament dan jitkellem dwar *performance bonus* li jitħallas mill-Kunsilli Lokali, ilbies protettiv li jrid jintlibes u l-osservanza tal-ħinijiet. Il-KLM iddeċieda li niktbu lil din il-kumpanija sabiex naraw x'inhuma ir-riperkussjonijiet jekk ma jkunx iffirmat.

33. Grace Marie Mallia semmiet il-bank tal-*bus shelter* tal-Pjazza tal-Knisja li qed jinqala' spiss, minkejja it-tentattiv li sar mil-ħaddiema tagħna u dawk ta' Transport Malta. Is-SE qal li l-ħaddiema tagħna qalulu illi dan hu wisq qrib tal-ħġieġa ta' wara u l-ħaddiema ma jistgħux iwaħħlu l-boltijiet.

34. Grace Marie Mallia talbetbiex isiru r-road markings (stop) fi Triq tas-Sejba qrib ta' Kandja.

35. Kienet approvata l-Payment Approval Sheet numru 519

36. Il-laqgħa ntemmet fid-21.18pm u l-KLM se jiltaqa nhar it-23 t'Awwissu fl-istess ħin.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 23 t'Awwissu 2016 minn Dr Charlene Zammit
Segretajru Ezekuttiv Sindku